**Tard sirt naf**

Xi ħadd semmiek miegħi
U qalli li ħallejtna,
Tant iddispajċini
Li qabżitli demgħa
l-uġiegħ qatt ma ħallieni.

Niftakar l-istorja
Meta sirt nafek ilu,
Il-ħajja tintiseġ
Aħna nsiru li nsiru
U nibqgħu żgħar bħaż-żibeġ.

Hekk int bqajt fl-umiltà
Iċċekkint bħal min ħalqek,
U b'għożża lilek fdiek
Biex minnek jagħmel għodda
Li twasslu u tibni xriek.

Min jaf bil-messaġġi
Hekk f'waqthom li kont tibgħat,
Missejt qlub muġugħa
Li fl-uġigħ hekk kbir tagħhom
Kemm ħassewhom mitlufa.

U int, b'tant imħabba,
Musbieħ inemnem b'għaqal
B'sabar indukrajtu,
Biex minnu joħroġ fejqan
Li għalih ikun ħajtu.

Telespettaturi
Oħrajn mill-internet,
Gawdew bosta faraġ,
Li gelgel frisk minn kliemek
Kien tabilħaqq ta' taraġ.

Dejjem telgħin imwieżna
minn ħlewwietek fil-għemil
biex minn qalb li tixraf
tinfetaħ, Mario nfakkrek
Minkejja li tard sirt naf.

Patri Mario Attard OFM Cap
4 ta' Marzu 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.